**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 3 ta' Lulju 2020.**

**Avviz Numru 196/2019**

**Ludgarda Zammit u zewgha ghal kull interess li jista' jkollu bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-atturi**

**Vs**

**Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fit-12 ta' Settembru 2019 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta :

*"Thallas is-somma ta' ghaxart elef (€10,000) ewro rapprezentanti l-valur tal-vettura tal-ghamla Fiat 500 bin-numru tar-registrazzjoni BCF-939, li giet misruqa minn gewwa l-garaxx numru 4 tal-istess indirizz u dan a tenur tal-polza ta' assigurazzjoni bin-numru PCRC/490/16/106166 iffirmat bejnietkom u l-attrici. Bl-ispejjez u bl-imghax min-notifika ta' dan l-avviz. Bis-subizzjoni tas-socjeta' intimata."*

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu esponiet is-segwenti :-

*"Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Illi l-esponenti giet notifikata bil-kawza odjerna fl-1 ta' Ottubru 2019, u l-kawza tinsab imhollija ghas-smiegh ghas-26 ta' Novembru 2019;*
*Illi jirrizulta mill-Avviz odjern illi l-pretensjoni attrici hija bbazata fuq l-obbligi kuntrattwali misjuba fil-polza ta' assigurazzjoni li tkopri*

*vetturi bil-mutur, mahruga mill-esponenti, bin-numru ta' referenza PCRC/490/16/106166;*
*Illi l-esponenti qeghda tesebixxi kopja tal-polza ta' assigurazzjoni ghal vetturi bil-mutur li tohrog ghal kull assigurat taghha bhala* ***DOK.A;***
*Illi f'pagna 2 huwa specifikat li r-relazzjoni bejn l-assiguratur u l-assigurat hija bbazata fuq kuntratt u l-polza hija kuntratt bejn l-assiguratur u l-assigurat;*
*Illi f'pagna 21 tal-polza ta' assigurazzjoni, tirrizulta li hemm klawzola arbitrali, li fiha hu stipulat illi kull tilwima relatata mall-polza ghandha tigi referuta esklussivament u biss lic-Centru Malti Ghall-Arbitragg;*
*Illi skond l-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ghandha dritt tintavola dan ir-rikors biex titlob lil dina l-Onorabbli Qorti twaqqaf dawn il-proceduri, u dan qabel ma jigu intavolati eccezzjonijiet in difesa, jew tmexxi mod iehor dawn il-proceduri;*
*Illi ghal din ir-raguni, l-esponenti ma hiex se tintavola eccezzjonijiet sakemm din il-kwistjoni tigi determinata, biex tuzufruwixxi minn dan id-dritt;*
*Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha ma' twaqqafx dawn il-proceduri, u f'kaz li t-terminu ghall-eccezzjonijiet jiskadu, l-esponenti jibqala' kull interess li tikkontesta l-pretensjonijiet attrici f'din il-kawza;*
*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tordna li jitwaqqfu l-proceduri quddiemha, u dan skond l-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2) *F'kaz li l-ewwel talba ma tintlaqax, tawtorizza lill-esponenti tintavola l-eccezzjonijiet taghha f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti."*

Rat ir-risposta tal-atturi ipprezentata fis-26 ta' Novembru 2019 li permezz taghha wiegbu bis-segwenti :-

*"Illi din hija risposta ghall-eccezzjoni preliminari li qajmet l-intimata dwar il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Illi l-intimata esebiet polza ta' assigurazzjoni ghal vetturi bil-mutur fejn jirrizulta fejn jirrizulta li hemm klawzola arbitrali, li fiha hu stipulat illi kull tilwima relatata mal-polza ghandha tigi referuta esklussivament u biss lic-Centru Malti ghall-Arbitragg;*
*Illi m'hemm l-ebda dokument li esebiet l-intimata fejn jirrizulta li hemm ftehim ta' Arbitragg iffimat bejn iz-zewg partijiet f'din il-kawza.*
*Illi ghalhekk ma jistax jinghad bl-ebda mod illi hemm xi kuntratt kif kontemplat fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 fuq imsemmi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha:*
*1) Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li qajmet skont l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 987 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*2) Taccetta l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
*3) Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu;*
*4) Tawtorizza lill-intimata sabiex tintavola l-eccezzjonijiet fuq il-mertu, u dan f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

Semghet it-trattazzjoni dwar ir-rikors tas-socjeta` konvenuta ;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal provvediment dwar l-istess rikors.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-atturi pprocedew b'din l-istanza sabiex is-socjeta` konvenuta thallashom is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) rapprezentanti valur ta' vettura li giet misruqa u dan a tenur ta' polza ta' assigurazzjoni mal-istess socjeta`, liema polza ggib in-numru PCRC/490/16/106166.

Illi permezz ta' rikors ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Arbitragg), is-socjeta` konvenuta qieghda titlob lil din il-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri mibdija quddiemha stante li kwalunkwe *« dispute, controversy, Claim or matter arising out of, concerning or relating to this Policy, shall be solely and exclusivelyu referred to arbitration. »*[1]

Illi s-socjeta` konvenuta fit-trattazzjoni orali ghamlet referenza ghall-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, liema kuntratt hija tishaq li gie esebit kopja tieghu flimkien mar-rikors ipprezentat minnha. Minn din il-kopja jirrizulta illi klawsola 5 taht it-titolu *Claims Conditions* hija propju dak citat fil-paragrafu precedenti.

Min-naha l-ohra, l-atturi jikkontendu illi s-socjeta` konvenuta ma gabet l-ebda prova ta' kuntratt iffirmat mill-attrici minn fejn effettivament jirrizulta illi hija kienet firmatarja tal-kundizzjonijiet u termini allegati mis-socjeta` konvenuta. Illi dan l-attrici sostnietu kemm fir-risposta taghha u kemm fit-trattazzjoni orali.

Illi l-Qorti tosserva illi minkejja dan kollu, is-socjeta` konvenuta baqghat qatt ma esebiet kopja tal-polza ta' assikurazzjoni ffirmata mill-attrici, inkluz il-kundizzjonijiet u termini ta' x'isir f'kaz li jkun hemm disputa. Kif inhu risaput, u ai termini tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, min jallega jrid jipprova. F'dan il-

---
[1] A fol. 21

kaz allura din il-prova kellha ssir mis-socjeta` konvenuta ghax kienet hi li ssollevat il-kwistjoni tal-klawsola arbitrali. Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, ghalkemm l-atturi jinvokaw polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta` konvenuta, dana ma jezonerax lis-socjeta` konvenuta milli tipproduci hi l-ahjar prova, u cioe`, il-polza ta' assikurazzjoni proprja tal-attrici, prova li facilment setghet tipproduci l-istess socjeta`. Illi l-fatt li s-socjeta` konvenuta, fir-rikors taghha, tghid illi l-polza annessa mal-istess rikors hija *"polza ta' assigurazzjoni ghal vetturi bil-mutur li tohrog ghal kull assigurat taghha"* ma jwassalx ghall-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili.

Illi ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi dak allegat fir-rikors tas-socjeta` konvenuta ma giex ippruvat skont il-Ligi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel talba fir-rikors tas-socjeta` konvenuta u ghaldaqstant tordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' dawn il-proceduri filwaqt li tikkoncedi lis-socjeta` konvenuta ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex tipprezenta ir-risposta taghha.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**